MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 89/7

It-Tnejn 21 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

89.1 Parkeġġi ġewwa l-Gudja.

89.2 Tmiem tal-laqgħa.

-----------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.00pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa, il-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsillier Mark Anthony Samut kien jinsab imsiefer. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li s-Sur Sammut jiġi konsiderata bħala skużat għall-effetti kollha dwar din il-laqgħa u konsiderazzjoni dwar l-attendenza u remunerazzjoni.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien irċieva talba għal laqgħa b'urġenza mis-Sur G. Fenech u peress li huwa laqa' din it-talba, b'hekk kienet qed isseħħ din il-laqgħa u msejħa b'urġenza.

**89.1.0 Parkeġġi ġewwa l-Gudja**

89.1.1 Is-Sindku stieden lis-Sur Fenech sabiex jindirizza l-Kunsill dwar din il-materja.

Is-Sur Fenech beda billi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi wara korrispondenza li huwa kien bagħat lill-Kunsill fit-12 ta' Awwissu 2017 b'ilmenti minn residenti tal-inħawi illi sid ta' dar partikulari f'Wesgħet Anġlu Dalli ħareġ żewġ qsari kbar mal-ġnub tal-bieb ta' barra tad-dar tiegħu u li bihom imblokka żewġ parkeġġi. Is-Sur Fenech ippreżenta ritratti sabiex isostni l-ilmenti li dwarhom kien qed jitkellem waqt din il-laqgħa.

Is-Sur Fenech stqarr li kien talab lill-Kunsill sabiex jieħu passi u jirrimedja lura dawk iż-żewġ parkeġġi li kienu intilfu għaliex ġew ikkapparati illegalment.

Is-Sur Fenech kompla li kien l-għada tal-ittra elettronika tiegħu li s-Sindku awtorizza waħdu li jinżebgħu linji sofor quddiem l-istess imsemmija dar. Is-Sur Fenech kompla li meta kien iċċekja mat-TM, dawn ikkonfermawlu li dawn il-linji in kwistjoni għandhom ikunu awtorizzati mit-TM wara talba mill-Kunsill. Fil-fatt dawn il-linji sofor li saru taħt l-approvazzjoni tas-Sindku la għandhom l-approvazzjoni tal-Kunsill u wisq aktar dik tant meħtieġa tat-TM.

F'dan l-istadju s-Sindku wiegħed li huwa ma jafx f'dawn ir-regolamenti. Is-Sur Fenech stqarr li dawn ir-regolamenti ilhom li daħħlu fis-seħħ minn April 2016 u li Kunsillieri oħra jafu sewwa bihom.

Is-Sindku rribatta billi qal li huwa ma jaqrax l-imejls u ħadd mill-Kunsill ma kien ġibidlu l-attenzjoni f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal ukoll illi ħadd ma kien ġibidlu l-attenzjoni dwar l-ewwel email li s-Sur Fenech bagħat lill-Kunsill.

Is-Sindku kompla jinsisti li hu kien qed jaġixxi u jagħmel linji sofor mar-raħal fuq direzzjoni li żmien ilu kien ngħata bil-fomm minn uffiċjal tat-TM.

Saret diskussjoni dwar il-qagħda preżenti u żgumbrar ta' bankina madwar il-Gudja.

Ġie deċiż b'mod unanimu li l-Kunsill joħroġ direttivi taħt il-firma tas-Sindku sabiex kull min għandu xi tip ta' ornament (qsari, ħwat, bank/bankijiet u siġar) li b'xi mod jew ieħor qed jgħalqu jew jostakolaw l-aċċess liberu fuq il-bankini u toroq, dawn għandhom jitneħħew fi żmien stipulat mid-data tal-ħruġ tal-komunikazzjoni. Jekk dawn ma jitneħħewx għandha tittieħed azzjoni mill-Kunsill u għas-spejjeż tas-sid.

Is-Sur Fenech reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi kien hemm min għandu anke sinjali sofor quddiem il-bieb ta' daru u li dawn is-sinjali saru mill-Kunsill mingħajr ebda talba formali jew għal xi raġuni valida għal bżonn tagħhom.

Meta hawn intervjena s-Sindku dwar l-ingombru, is-Sur Fenech stqarr li jekk is-Sindku ma jarafx iwieġeb ma għandux idawwar il-kliem fuq l-ingombru tal-bankini għaliex dwar dan issa l-Kunsill kien ħa deċiżjoni li għadu jeżegwija.

Is-Sur Fenech qal li sejjer jibqa' jinsisti dwar li s-sinjali għandhom jiġu eżekwiti skont il-*policy* tat-TM li jekk qabel is-Sindku stqarr li ma kienx jaf biha, issa żgur li jaf biha.

Is-Sur Fenech qal li huwa sejjer jinsisti dwar dan anke f'laqgħat oħra tal-Kunsill.

Is-Sur Caruana qal li kien ta' sodisfazzjoni għalih li jara li l-Kunsill sejjer jieħu passi dwar il-problema li joħolqu dawk kollha li jkunu qed jostakolaw bankina jew triq b'oġġetti bħal qsari, ġebel u jew bankijiet fuq il-bankina.

Is-Sur Caruana qal ukoll li kien qed jaqbel kompletament li tintbagħat ittra lir-residenti kollha sabiex dan l-ingombru fejn ikun qed iseħħ jitneħħa fi żmien sebat ijiem minn meta jirċievu din l-ittra u jekk dan ma jsirx se ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill għas-spejjeż tar-resident.

Is-Sur Caruana ġibed ukoll l-attenzjoni dwar dawk il-karozzi kollha li qed jipparkjaw fuq *double yellow line* u li qed ikunu ta' ostakolu għall-immaniġġjar tat-traffiku speċjalment fuq in-naħa tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja.

Dwar dan is-Sur Caruana qal li kien qed jaqbel kompletament mad-deċiżjoni tal-Kunsill li jitlob lill-awtoritajiet responsabbli sabiex jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa u jitrażżan dan l-abbuż.

Is-Sur Caruana ppreżenta wkoll ritratti ta' karozzi tal-kiri pparkjati fit-triq biswiet l-ajruport li tali karozzi huwa parti mill-*pool* ta' karozzi tal-kiri li qed jitħaddmu minn ġol-ajruport.

Is-Sur Caruana qal li dak il-parkeġġ li jinsabu quddiem l-ajruport li kien sar bil-finanzjament tal-Kunsill qed ikun meħud minn dawn il-karozzi tal-kiri u saħansitra dawn il-karozzi qed jiġu maħsula fuq il-post u qed iħammġu l-

ambjent. Is-Sur Caruana qal li l-*policy* tat-TM li fil-fehma tiegħu kull kunsillier kien jaf biha barra s-Sindku, hija ċara u għandha tiġi segwita.

Kull *yellow line, double yellow line*, sinjal abjad, *yellow lines* mal-kantuniera u mal-garaxxijiet, kaxxi blu u kull sinjal ieħor dwar l-immaniġġjar tat-traffiku inkluż tabelli u sinjali li jidderieġu t-traffiku għandhom l-ewwel jitressqu quddiem il-Kunsill bi pjanta/site plan, ritratti u informazzjoni oħra sabiex jiġi indikat ix-xogħol mitlub u wara l-konsiderazzjoni tal-Kunsill, titella' u tiġi segwita l-applikazzjoni lit-TM għall-approvazzjoni. Ix-xogħol isir wara li jkun hemm l-approvazzjoni tat-TM.

F'dan ir-rigward is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni li jekk xi ħadd jitressaq quddiem it-Tribunal u jinsab li dak is-sinjal tat-traffiku ma kienx approvat mit-TM dan jinħeles mill-akkuża u l-Kunsill jiġi mċanfar u possibbilment ikkundannat.

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel u ddeċieda li jitlob lit-TM sabiex isir eżerċizzju dwar possibbilment sinjali żejda jew li saru mhux skont il-liġi li saru ġewwa l-Gudja.

Is-Sur Fenech ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-ġbir ta' skart li qed isir b'vettur kbira (hawn ġie ppreżentat ritratt) li qed tintuża għal ġbir li jmur kontra l-qbil fil-kuntratt rigward id-daqs tal-vettura.

Is-Sur Fenech qal li sa żmien ilu fil-bidu ta' Triq il-Fidwa min-naħa t'isfel inżebgħu linji sofor (fejn ukoll intilef ammont ta' parkeġġ) li milli jidher li dan sar sabiex ikun hemm aċċess għat-trakk tal-iskart. Dan l-aħħar it-trakk inbidel għal wieħed ħafna akbar li ma jgħaddix mit-toroq dojoq tal-Gudja u qed jikkawża ħsarat fuq strutturi u vetturi fil-lokalità u lir-residenti.

Ġie ssuġġerita li l-Kunsill jibda jitlob linji gwida li l-Kunsill għandu jibni minn esperjenzi lokali li jgħaddi minnhom u oħrajn li jiddiskuti minn żmien għal żmien sabiex ikun hemm konformità ta' kif għandu jaġixxi fuq direzzjoni uffiċjali u magħrufa biex itejjeb l-istat ta' ħajja għar-residenti kollha tal-Gudja u dan fid-dawl tal-poteri li jistgħu jgħaddu għand il-Kunsill skond kif tipprovdi l-liġi u proċeduri tat-TM.

Il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino qal li huwa kien qed jaqbel ma' dak kollu li ntqal u dwar l-osservanza li s-sinjali tat-traffiku għandhom isiru skont proċeduri stabbiliti għaliex jekk le dan jasal li jwassal għal diżgwid qalb ir-residenti.

Dwar il-ġbir tal-iskart u l-vettura li qed tintuża, is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill ta' sikwit jiġbed l-attenzjoni li l-vettura għandha tkun addattata għat-toroq tal-Gudja u li din il-vettura għandha tinżamm nadifa mingħajr rwejjaħ jintnu u li ma għandux jinġabru u jitgezzu boroż għal xi sigħat bi ħsara għall-ambjent u s-saħħa tal-pubbliku.

**89.2.0 Tmiem tal-laqgħa**

89.2.1 Ftit qabel ma ngħalqet il-laqgħa tqajmu xi punti rigward att vandalu li tqaċċtu l-katnazzi u katina tax-xatba mantnuta mill-Kunsill u jidher li sar dan sabiex jintrema materjal ta' kamra tal-banju fl-inħawi tal-Kappella ta' Bir Miftuħ.

Il-Kunsill ġie infurmat li dan l-att kien ġie rrappurtat lill-Pulizija u li kien qed jittieħdu passi mill-Kunsill sabiex jitnaddaf dan il-post mill-materjal mormi u li jsiru mill-ġdid il-katnazzi u katina tax-xtiebi li jikkontrollaw l-aċċess tal-inħawi tal-Kappella ta' Bir Miftuħ.

Il-Kunsill qabel li jikkonsidra CCTV kameras meħtieġa u jinxtraw minn fondi li hemm għad-dispożizzjoni tal-Kunsill. Din il-materja tiġi konsiderata fil-laqgħat oħra tal-Kunsill.

89.2.2 Finalment qam il-punt li jista' jagħti każ li t-trakk miżbugħ abjad li qed jintuża sabiex jiġbor mill-bins tas-separazzjoni tal-iskart qed iħallat kollox minkejja li dan ikun separat fil-kontenituri apposta.

Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-GreenPak dwar dan għax fil-fehma tal-Kunsill, il-Kunsill mhux inti' dwar il-ġbir u l-amministrazzjoni tas-separazzjoni tal-iskart li dan jinsab kontrollat direttament mill-GreenPak.

89.2.3 Finalment il-Kunsill qabel ukoll li jitlob is-servizz tal-gwardjani lokali l-Pulizija sabiex tinżamm aktar ordni u tiġi osservata l-liġi sabiex inħawi vulnerabbli u ta' riskju minħabba l-ammont ta' traffiku li jgħaddi minnhom ġewwa l-Gudja għandhom ikunu aktar imħarsa għaliex ikun inutli li jsiru sinjali għat-traffiku meta dawn ma jiġux osservati.

Il-Kunsill qabel u ddeċieda wkoll li jkompli jinsisti dwar it-tkomplija ta' dik magħrufa bħala r-*ring road* li ssalva l-qalba tar-raħal tal-Gudja u li jsir progress fuq l-*intelligent lighting* jew *mobile traffic lights* speċjalment fl-inħawi ta' Wesgħet Anġlu Dalli u kantuniera ta' Triq Ġlormu Cassar.

88.10.3 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa b'urġenza ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-5.50pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv